**Il-Ħamis**

**It-Tieni ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Mulej Alla, Sid tal-glorja,
li bid-dawl tal-jum sebbaħtna,
f'riġlejk nersqu w bit-talb tagħna
lilek noffru dan il-għasar.

2.
Din ix-xemx, li qed tħallina,
sejra ddawwal popli oħra,
waqt li fuqna ftit ħin ieħor
jiġi l-lejl bi dlamijietu.

3.
F'dan il-ħin għażiż ta' ġabra,
nitolbuk, Mulej, bil-qima:
la tħallix id-dlam ikiddna
wara l-għeja tal-ġurnata;

4.
Imma żommna dejjem nishru
sa ma jgħib il-jum tad-dinja,
ħalli mbagħad, bil-grazzja tiegħek,
nithennew bid-dawl ta' wiċċek.

5.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Jien għamiltek dawl għall-ġnus, biex is-salvazzjoni tiegħek sa truf l-art tasal.
L-Għid: Alla għamlu mħallef tal-ħajjin u tal-mejtin, hallelujah.

**Salm 71 (72)**
**I**
O Alla, agħti lis-sultan il-ħaqq tiegħek, *
il-ġustizzja tiegħek lil bin is-sultan.

biex jiġġudika l-poplu tiegħek bil-ġustizzja, *
u bil-ħaqq l-imsejknin tiegħek.

Jinżel mill-muntanji s-sliem lill-poplu, *
tinżel mill-għoljiet il-ġustizzja.

Hu jħares id-dritt ta' l-imsejknin tal-poplu, *
isalva l-fqajrin u jrażżan 'il min jgħakkishom.
Ħa jdum kemm iddum ix-xemx; *
kemm idum il-qamar, minn żmien għal żmien.

Jinżel bħax-xita fuq ir-raba' maħsud, *
bħal ħalba xita li ssaqqi l-art bilgħatx.
Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja, *
u sliem kotran sa ma jintemm il-qamar.
Isaltan minn baħar sa baħar, *
u mix-xmara sa truf l-art.

Quddiemu jitbaxxew l-għedewwa tiegħu; *
dawk li huma kontrieh it-trab jilagħqu.
Is-slaten ta' Tarsis u tal-gżejjer jagħtuħ ir-rigali; *
is-slaten ta' Xeba u ta' Saba għotjiet iġibulu.
Iqimuh is-slaten kollha, *
il-ġnus kollha lilu jaqdu.

Ant. Jien għamiltek dawl għall-ġnus, biex is-salvazzjoni tiegħek sa truf l-art tasal.
Ant. 2 Il-Mulej isalva l-fqajrin u jeħlishom mill-moħqrija.
L-Għid: Bih jitbierku l-ġnus kollha ta' l-art, hallelujah.

**II**

Għax hu jeħles lill-fqir li jsejjaħlu, *
u lill-imsejken li m'għandux min jgħinu.
Iħenn għad-dgħajjef u għall-fqajjar; *
il-ħajja tal-fqajrin isalva.
Jeħlishom mill-qerq u mill-moħqrija; *
demmhom għażiż quddiem għajnejh.

Ħa jgħix is-sultan għal dejjem, *
jingħata lilu deheb ta' Xeba!
Ħa jitolbu għalih dejjem, *
u jberkuh il-jum kollu!
Ikun kotran il-qamħ fuq l-art, *
jogħla sal-qċaċet ta' l-għoljiet.
Ikun il-frott tiegħu bħal-Libanu, *
iħaddru l-uċuh bħall-ħaxix tar-raba'. –

Ismu jibqa' jissemma għal dejjem; *
idum ismu sakemm iddum ix-xemx!

Bih jitbierku l-ġnus kollha ta’ l-art; *
il-popli kollha jsejħulu hieni.
Imbierek il-Mulej, Alla ta’ Iżrael, *
li waħdu jagħmel ħwejjeġ ta’ l-għaġeb.
Imbierek għal dejjem l-isem imsebbaħ tiegħu; *
timtela l-art kollha bis-sebħ tiegħu! Amen! Amen!

Ant. Il-Mulej isalva l-fqajrin u jeħlishom mill-moħqrija.
Ant. 3 Ġiet is-salvazzjoni u s-saltna ta’ Alla tagħna.
L-Għid: Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem, hallelujah.

**Kantiku (Apok 11,17-18; 12,10b-12a)**

Niżżuk ħajr, Mulej, Alla li tista’ kollox, †
li int u li kont, *
talli ħadt il-qawwa kbira tiegħek u bdejt issaltan.
Il-ġnus imtlew bil-korla, †
imma ġiet il-korla tiegħek *
u wasal iż-żmien li jsir ħaqq mill-mejtin,
u jingħata l-ħlas mistħoqq *
lill-qaddejja tiegħek il-profeti,
lill-qaddisin u ‘l dawk li jibżgħu minn ismek, *
kemm iż-żgħar u kemm il-kbar.

Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa
u s-saltna ta’ Alla tagħna *
u s-setgħa tal-Messija tiegħu,
għax twaddab ‘il barra dak li jixli ‘l ħutna, *
li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna.

U huma ħarġu rebbieħa fuqu.
bis-saħħa ta’ demm il-Ħaruf *
u bis-saħħa tax-xhieda li taw,
u xejn ma għożżew ħajjithom, *
hekk li ħadu saħansitra l-mewt.
Għalhekk ifirħu, smewwiet, *
u intom li tgħammru fihom.

Ant. Ġiet is-salvazzjoni u s-saltna ta’ Alla tagħna.

**LEZZJONI QASIRA 1 Pt 1,22-23**

Wara li naddaftu rwieħkom billi qgħadtu għall-kelma tas-sewwa biex ikollkom tassew l-imħabba ta’ l-aħwa, ħobbu lil xulxin b’qalbkom kollha u b’qawwa kbira. Intom twelidtu mill-ġdid, mhux minn nisel li jitħassar imma minn nisel li ma jitħassarx, bis-saħħa tal-kelma ta’ Alla li tgħix u tibqa’ għal dejjem.

**RESPONSORJU QASIR**

V. Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi * Xejn ma jonqosni. Il-Mulej.
R. F'mergħat kollhom ħdura jqegħedni. * Xejn ma jonqosni. Glorja. Il-Mulej.

Ant. tal-kant. ta' Marija Il-Mulej xabba' lil dawk li huma bil-ġuħ tal-ġustizzja u mliehom b'kull ġid.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kant. ta' Marija Il-Mulej xabba' lil dawk li huma bil-ġuħ tal-ġustizzja u mliehom b'kull ġid.

**PREĊI**

Il-Mulej u s-Salvatur tagħna jbierek lill-poplu tiegħu b'kull barka spiritwali.
Nerfgħu ħsibijietna lejh b'radd il-ħajr, u b'devozzjoni kbira nitolbuh:
*Mulej, bierek lill-poplu tiegħek.*
Alla ħanin, ħares lill-Papa u lill-Isqof tagħna:
- żommhom qawwijin u sħaħ għall-ġid tal-Knisja tiegħek.
Kun twajjeb, Mulej, ma' l-għażiża art twelidna:
- biegħed minnha kull xorta ta' deni u ħsara.
Iġbor lil uliedek kollha madwar il-mejda tiegħek:
- agħmel li ħafna minnhom jimxu warajk aktar mill-qrib fis-safa, fil-faqar u fl-ubbidjenza.
Ħaruf ta' Alla, ieqaf max-xebbiet ulied gżiritna li kkonsagrawlek il-verġnità tagħhom:
- agħtihom li jimxu warajk kull fejn tmur.

Qiegħed lil ħutna l-mejtin fil-mistrieħ u s-sliem tiegħek għal dejjem:
- saħħaħ l-għaqda tagħhom magħna bix-xirka ta' kull ġid spiritwali.

**Missierna**

**Talba**

Mulej, aħna u naqdu dmirna billi noffrulek dan it-tifħir ta' filgħaxija, nitolbu l-ħniena tiegħek biex qalbna ma tehda qatt taħseb fuq il-liġi tiegħek u nħarsuha, ħalli jogħġbok tagħtina d-dawl u l-premju tal-ħajja ta' dejjem. B'Ibnek.

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**